BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

## Laqgha tal-Kunsill

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghad-Disgha-u-Ghoxrin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar il-Hamis, 24 ta' Lulju 2008, fis-6:30pm.

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

## Agenda

1. **Talba**
2. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 28**
3. **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti**
4. **Mozzjoni – 'Gieh lil Sir Anthony Mamo'**
5. **Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 21**
6. **Approvazzjoni tal-Lista tal-Flus Kontanti**
7. **Korrispondenza**
8. **Hwejjeg Ohra**
9. **Eghluq**

---

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

Minuti tad-Disgha-u-Ghoxrin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis, 24 ta' Lulju 2008 mis-6:30p.m. sat- 8:11p.m.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sinjura Doris Borg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Michael Camilleri |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw |
| | |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo--------- Assenti u Skuzat |
| | Is-Sinjura Joanne Borg ----------------Assenti u Skuzata |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt ------------ Assenti u Skuzata |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro -------------- Assenti u Skuzat |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri ----- Assenti u Skuzata |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw. Il-Kunsilliera s-Sinjuri : Joanne Borg, Roberto J. Buontempo, Charlene Camilleri, Dr. Josianne Cardona Gatt u Sergio Carbonaro kienu assenti, imma skuzati. Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

1. **Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

2 **Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin- numru 28.**

Il-Minuti tat-Tmienja-u-Ghoxrin Laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Wara li gew emendati l-paragrafu numru 3 u *items* 6,7, il-paragrafu ta' wara 10.2 , 11.3, u 11.5 il-minuti ġew approvati kif emendati b'seba' voti favur, xejn kontra u astenzjoni wahda. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondat mill-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Dr. George Debattista, u Mary Spiteri Shaw. Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg astjeniet minhabba li ma kinitx prezenti ghal dik il-laqgha.

3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti**

3.1 Il-Kunsillier Dr. George De. Battista talab jekk kienx hemm zviluppi dwar items 11.13, 11.14 u 11.15. Dwar 11.13 is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghal-laqgha li hu u l-Perit Bugeja kellhom ma' ufficjali tal-MEPA. Hu qal li l-indikazzjonijiet sabiex jinhareg il-permess mehtieg kienu posittivi. Dwar *item* 11.14 is-Sindku pprezenta dokument minghand il-Perit li kien juri l-iskeda tax-xogholijiet li jridu jsiru b'effett miill-24 ta' Lulju 2008. Dwar item 11.15 is-Sindku qal li wara laqgha li kienet saret mas-Sur Fabri kien gie deciz illi l-Kunsill jibda juza' l-iskejjel Governattivi sabiex isiru d-diversi korsijiet Edukattivi u Sportivi. Ghal

dan il-ghan il-Kunsill kien jitrasferixxi diversi affarijiet li normalment jintuzaw sabiex isiru dawn il-korsijiet, gewwa dawn l-iskejjel. Dawn l-affarijiet ser jitpoggew ukoll ghad-dispozizzjoni ta'l-istudenti li jattendu dawn l-iskejjel. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

**4 Mozzjoni – 'Gieh lil Sir Anthony Mamo'**

Il-Mozzjoni li giet annessa mal-minuti kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Il-Proponent tal-mozzjoni l-kunsillier is-Sur Michael Camilleri ssuggerixxa wkoll illi l-pjazza fejn hemm il-venda tal-karozzi tal-linja tissemma ghal Sir Anthony Mamo. Hawnhekk saret diskussjoni qasira fejn il-Kunsillier Dr. George Debattista fakkar illi bejn l-1994 u l-1997 il-Kunsill kien onora lil Sir Anthony Mamo *b'Gieh Birkirkara* kif ukoll wahhal plakka mal-fond fejn kien twieled l-istess Sir Anthony Mamo.

Wara d-diskussjoni s-Sindku ppropona illi l-punti msemmija fil-mozzjoni li fuqhom kien hemm qbil unanimu ghandhom jintbghatu lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq u lill-Kumitat Festi Nazzjonali ghal konsiderazzjoni taghhom. Il-proponiment tas-Sindku li kien sekondat mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg ġiet approvat bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Dr. George Debattista, u Mary Spiteri Shaw.

F'riferenza ghall-istess mozzjoni s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ppropona li jitwaqqaf Sotto Kumitat f'Gieh Sir Anthony Mamo liema Sotto Kumitat inkun maghmul mill-Kunsilliera s-Sinjuri Doris Borg bhala Chairperson, Dr. Josianne Cardona Gatt, Michael Camilleri u Anthony Buttigieg bhala membri, bil-ghan li jissorvelja u jikkordina mal-entitajiet involuti biex il-punti msemmija fil-mozzjoni jinghataw l-importanza mehtiega sabiex jigu fis-sehh. Il-proponiment tas-Sindku li kien sekondat mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg ġiet approvat bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Dr. George Debattista, u Mary Spiteri Shaw.

**5 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u Pagamenti numru 21**

Il-listi tax-xiri u l-pagamenti numru 21 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Saru xi mistoqsijiet fejn il-kunsillier is-Sur Michael Camilleri talab izjed informazzjoni dwar items 14, u 55., filwaqt li l-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa dwar kemm baqghalu jigbor flus il-Kunsill minghand il-MEPA(UIF) filwaqt li ssuggerixxa illi f'cert *areas* isiru kameras tas-sorveljanza bhalma saru Paceville. Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg staqsiet dwar *item* 86. Ghal mistoqsija tas-Sur Michael Camilleri s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami talab lis-sur Camilleri biex jaghmel kuntatt mas-sezzjoni ta' l-*accounts* biex jinghata l-informazzjoni mitluba. Dwar il-mistoqsija ta' Dr Debattista s-Sindku wiegeb illi l-Kunsill kien baqghalu jigbor €100,000 mill-UIF filwaqt li dwar il-kameras is-Sindku qal li dawk kienu saru mill-Gvern Centrali. Is-Sindku qal li aktar 'il quddiem is-*security guard* tal-Khiron ser jibda jdur u jissorvelja il-gonna kollha ta' madwar il-lokalita' Dwar il-mistoqsija tal-Vici Sindku, is-Sindku wiegeb illi dawn kienu parti mill-*flyers* li nohorgu s-soltu u skond il-kuntratt.

Wara li s-Sindku wiegeb ghal mistoqsijiet tal-Kunsilliera, l-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 21 ġiet approvata bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Dr. George Debattista, u Mary Spiteri Shaw.

**6 Approvazzjoni tal-Listi tal-Flus Kontanti**

Il-listi tal-Flus Kontanti tal-perjodu mill-5/6/08 sat-22/7/08 kienu tqassmu lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdu bhala moqrija. Il-listi gew approvati bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-

BIRKIRKARA

8.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Abdilla nforma lill-membri prezenti illi il-Hamis 31 ta' Lulju 2008 kienet ser issir laqgha tal-Federazzjoni ta' l-isports Hu stieden lill-membri sabiex jattendu. Il-Kunsillier informa wkoll lill-Kunsill illi kienu ghaddejjin tahditiet mad-Direttur ta' l-MCAST sabiex tittella' attivita bit-tema ' ART WEEKEND' gewwa Gnien l-Istazzjon. Ghal dan il-ghan kien qed jigi propost li l-bini li ghandu l-Kunsill gewwa l-istess gnien jigi mzejjen b'mod artistiku mill-istudenti ta' MCAST. Is-Sur Abdilla qal li aktar informazzjoni kien ser jghaddiha izjed 'il quddiem.

8.6 Il-Kunsillier is-Sur Sergio Carbonaro staqsa jekk kienx hemm zviluppi dwar l-applikazzjoni ghaz-*Zebra Cross* fi triq Notabile. Hu accenna wkoll li fi Triq Ign Saverio Mifsud k/m triq Indri Calleja kien qed ikun hemm karozza pparkjata fuq id-*double yellow line.* Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li dwar iz-*Zebra Cross* il-Kunsill ghadu qed jistenna il-permess mehtieg mill-ADT.

8.7 Il-Kunsillier Dr George Debattista issuggerixxa illi meta jsiru il-parking spaces godda, ghandu jithalla spazju ta' 1.5mtrs mill-koxxa ta' kull garaxx. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-*parking spaces* godda fi Triq gdida isiru mill-ADT.

8.8 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ssuggerixxa illi z-zewg kuntratti li ghandu l-Kunsill mal-Conmal Ltd (BLC 03/2005 u BLC 04/2005), liema kuntratti ser jaghlqu fil-11 ta' Awwissu 2008 jigu mgedda b'sena ohra, jigifieri sal-11 ta' Awwissu 2009. Dan minhabba 'l-fatt li ghadu ghaddej ix-xoghol f'diversi *playing fields* ecc.., kif ukoll biex dawn iz-zewg kuntratti jigu *in linja* mal-*maggor* tal-kuntratti l-ohra. Fuq dan kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha prezenti.

8.9 Il-Kunsillier is-Sur Sergio Carbonaro staqsa meta kienu ser jehlu lis-*sleeping Police* fi Triq Papa Urbanu. Hu ilmenta wkoll li fl-istess Triq kien hemm individwu li kellu *store* li fiz-zibel li kien qed johrog kien qed jimblokka l-bankina. Dwar is-*sleeping police* s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li dawn kienu ser jehlu fil-jiem li gejjin, filwaqt li dwar l-ilment l-iehor il-Kunsillier gie mitlub jghaddi aktar informazzjoni u jaghmel l-ilment tieghu fis-sezzjoni tal-*customer care* tal-Kunsill.

**9 Eghluq**

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien it-8:11 p.m.

| | |
|---|---|
| Joseph Tabone | Michael Fenech Adami |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |